# MITT SENA MILL-ĦRUĠ TA' L-EWWEL PURĊISSJONI

## MIXJA TA' 21 SENA LEJN FESTA KOMPLETA



Il-festa ta' San Duminku fil-Birgu tgawdi prestiġju għoli fost id-dilettanti tal-festi Maltin u tkun mistennija b'ħerqa, speċjalment mill-Komunità Dumnikana, mill-membri tal-Każin tal-Banda *Prince of Walès Own*, mill-Kumitat Festi Esterni u oħrajn li jaħdmu magħhom.

Din kellha tgħaddi minn proċess ta' għadd ta' snin biex minn festa interna, aktarx moderata, f'ġieħ ix-xbieha mirakoluża ta' San Duminku ta' Soriano, meqjuma fl-artal tal-kappellun xellugi fil-Knisja tal-Lunzjata,(1) lejn qrib tmiem is-seklu dsatax, il-Komunità Dumnikana, bl-għajnuna ta' għadd ta' ammiraturi, żviluppatha f'waħda solenni u popolari, kemm interna kif ukoll esterna.

Għalkemm xi għamla ta' kommemorazzjoni żgur tmur lura għal bosta snin, m'hemmx dubju li din fil-Birgu kompliet twarrad fl-1870, wara digriet tas-*Sacra Congregazione dei Riti*(2) u laħqet il-milja tagħha fl-1896, meta ħarġet għall-ewwel darba l-purċissjoni f'nhar il-festa, frott digriet maħruġ mill-Kurja ta' Malta, sena qabel.(3)

Meta wieħed iħares lura jara li t-triq li wasslet għal dan ma kenitx wietja għal kollox, iżda d-determinazzjoni u l-ħeġġa, mhux biss għelbu l-ostakli li jiltaqa' magħhom kull żvilupp ġdid, iżda qajl qajl, din il-festa spiċċat biex kienet l-għajn li minnha ħarġu wħud mid-drawwiet folkloristiċi li llum tant huma popolari fil-festi ta' din il-Belt.

### IL-FESTA FL-EWWEL SNIN TAGĦHA

Għalkemm hemm indikazzjoni li l-festi interni jmorru lura qabel l-1870, konferma ta' dawn, kif ukoll ta' dawk esterni, b'mod aktar solenni, niltaqgħu magħha għall-ewwel darba fl-1875, meta tħalla miktub li l-festa interna, dik is-sena, ġiet iċċelebrata fit-Tielet Ħadd ta' Settembru, (kif baqa' jsir għal bosta snin wara) skond direttiva tal-Kapitlu Provinċjali li ħarġet fl-1872, meta dakinhar kien iżżanżan sett rikk ta' pjaneti u tuniċelli ta' brokkat iffjurit u rrakmat bid-deheb.(4)

Għaċ-ċelebrazzjonijiet esterni kienu saru t-tħejjijiet meħtieġa għal tiżjin bid-dwal u sar planċier ta' l-injam biex jibqa' jintuża għas-snin ta' wara, kif intqal, *"per i concerti musicali"*.(5)

Konferma li l-festi esterni kellhom isiru għall-ewwel darba fl-1875 neħduha minn ittra tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata tal-Birgu lill-Vatikan fl-1880.(6) Fil-fatt, dik is-sena dawn ġew sospiżi minħabba l-mewt ta' Patri Rafel Zahra, ex-provinċjal, li ġrat fit-2 ta' Settembru.(7)

Minn dettalji mħollija dwar il-festa ta' l-1876 isir magħruf li l-Ewwel Jum tat-Tridu kien jagħti bidu għall-festi, kemm interni kif ukoll esterni. Dik is-sena kienet għamlet programm mużikali Banda li nġiebet mill-Isla, magħrufa bħala *"Della Stella"* jew *"Tal-Bugru"*, immexxija mis-surmast Scolaro. Ma' din, lejlet il-festa kienet ħadet sehem ukoll l-hekk imsejħa *"Società Musicale della Valletta"* tas-surmast Giuseppe Borg, deskritt bħala *"Iben Indrì l-Għama"*.

Ir-rapport dwar il-festa ta' l-1876 hu ta' ċerta importanza għall-istorja mużikali tal-Birgu għax dan jikkonferma l-eżistenza ta' banda f'din il-belt, deskritta biss bħala

*"quella di questa città"*. Din il-banda s-sena ta' wara ħadet sehem attiv bi programm fl-ewwel jum tat-Tridu u ieħor nhar il-festa.(8)

Mill-prominenza li bdiet tingħata mill-ġurnali l-aktar prominenti ta' dak iż-żmien, jidher li l-festa kisbet suċċess immedjat sa mill-ewwel snin tagħha.

Wieħed mill-aktar rapporti bikrija kien deher fil-ġurnal prominenti *Risorgimento* fl-1878 u jikkonferma l-parteċipazzjoni tal-*Filarmonica Nazionale La Vincitrice* tal-Belt Valletta, b'żewġ programmi, fejn fost diversi kompożizzjonijiet, xi wħud Maltin, ġie esegwit *"Inno al Glorioso San Domenico"*, tas-surmast tal-Banda Giuseppe Borg.(9) Dik is-sena kienet reġgħet ħadet sehem ukoll il-Banda ta' l-Isla flimkien ma' dik tar-*Regimento 98*, bil-permess ġentili tal-Kurunell Sciberras.(10)

## ARMAR, TIŻJIN U LOGĦOB TAN-NAR

Mal-baned u l-programmi mużikali, it-tiżjin tat-toroq u l-logħob tan-nar kienu jitqiesu ta' ħtieġa daqs illum. Dawn bdew b'mod meqjus, iżda mal-medda ta' ftit snin żdiedu ħafna.

Sa minn kmieni fl-1876, il-faċċata tal-knisja, it-triq tal-Lunzjata u triqat li jmissu magħha, inklużi s-Sur tal-Kurdari u biċċa minn Triq il-Kwartier kienu jiżżejnu bid-dwal, aktarx tazzi taż-żejt jew gass.

Prominenti fost dawn kienu żewġ rużuni li tqiegħdu għall-ewwel darba mal-ġnieb ta' Triq il-Mina l-Kbira u stilla kbira mixgħula, imdendla minn ħajt għall-ieħor ta' l-istess triq. It-triq tal-knisja żżejnet ukoll b'xi piramidi bid-dwal, xi anġli fuq il-kolonni u trofej, li x'aktarx kienu nkrew jew instelfu minn xi mkien. Iżda għall-festa ta' l-1877 saru 12-il trofew ġodda u żewġ statwi ta' San Tumas ta' Aquino u San Vinċenz Ferrer, xogħol Giovanni Darmanin, li tqiegħdu fuq kull naħa tal-bieb tal-knisja.(11)

Mill-1879 bdiet tiżżejjen *Piazza Vittoriosa* wkoll, dik il-ħabta magħrufa wkoll bħala *"is-suq"*. Dan it-tiżjin seħħ wara li statwa ta' San Duminku, minn dik is-sena, bdiet tintrama fuq kolonna artistika f'nofs il-pjazza. Billi kemm l-istatwa, kif ukoll id-disinn tal-kolonna kienu saru minn Giovanni Darmanin, statwarju u disinjatur magħruf, intgħoġbu ħafna u tqiesu ta' preġju. Kellhom mertu wkoll Lorenzo Forte, l-



**Statwa ta' San Duminku ta' Giovanni Darmanin armata fuq kolonna fil-pjazza sa mill-1879.**

imgħallem fl-injam, Luigi Fenech, l-iskultur u Antonio Merilli, Antonio (?) Farrugia u Giacomo Sevasta, li għamlu x-xogħol tal-metall.[12]

Fis-snin ta' wara, l-armar kompla jiżdied u bandieri, bandalori u statwi fuq kolonni xterdu f'aktar toroq tant li, sa l-1889, it-tiżjin kien jasal sax-Xatt tal-Kalkara, li dik is-sena kien inxtegħel ukoll.[13]



**Il-kampnar l-antik minn fejn kienu jsiru l-"kaskati".**

Il-logħob tan-nar kien jiġbed ħafna nies u sa mill-ewwel snin tal-festa kien jibda jinħaraq sa mill-ewwel jum tat-Tridu. Il-kampnar l-antik kien jispikka ħafna għax minn fuqu kien jinħaraq ċertu tip ta' logħob tan-nar magħruf bħala *"Kaskati"*, li wara li kienu jinxtegħlu hemm fuq, kienu jinxteħtu għal nofs it-triq fost iċ-ċapċip tan-nies.

Ma' tmiem il-programmi mużikali kien jinħaraq in-nar ta' l-art. Mistenni kien ikun dak ta' jum il-festa fil-pjazza, li kien jinkludi xi vapur imdaqqas li, waqt li jinħaraq, kien jimxi minn naħa għall-oħra tal-pjazza.[14]

## SEHEM IL-BANED F'JIEM IL-FESTA

Biex timla ħamest ijiem ta' ċelebrazzjonijiet esterni m'hix ħaġa faċli u bilfors kienu meħtieġa s-servizzi ta' għadd ta' baned oħrajn ma' dawk li ġa ssemmew.

Banda b'konnessjoni bikrija ħafna u li għadha tieħu sehem fil-festa sa llum hi dik Bormliża - *Banda San Giorgio* - li s-sehem tagħha jmur lura fiż-żgur sa mill-1881, meta kienet għamlet żewġ programmi taħt id-direzzjoni ta' Mro. C. Abela Farrugia.[15]

Fl-1889 jissemmew bi prominenza l-*"Banda Prince of Wales"* tal-Belt u dawk militari *"Royal West Kent Regiment Band"* u *"Royal Berkshire Regiment Band"*. Dawn kienu ħadu sehem fl-istess lejla u f'ħin minnhom ingħaqdu t-tlieta flimkien u daqqew Galopp li ntlaqa' b'entużjażmu u applawsi kbar.[16]

Dawn ma kenux l-ewwel baned militari li ħadu sehem fil-festa, għax fl-1877 inkiteb li fuq is-Sur ta' *San Giovanni* kienet daqqet *"una banda militare"*.[17] Banda militari oħra li ħadet sehem aktar tard kienet dik tar-*"Royal Irish Rifles"* li fl-1892, flimkien mal-baned *"La Valette"* u *"Duke of Edinburgh"* daqqet programmi f'diversi jiem tal-festa.[18]

Il-baned militari kienu mfittxija ħafna f'dawk is-snin, għax barra li kienu mħarrġin sewwa fl-arti mużikali, b'dawk l-uniformijiet eleganti tagħhom kienu joħolqu spettaklu u kulfejn imorru kienu jiġbdu warajhom għadd ta' dilettanti u ammiraturi.

## IL-BANDA "LA VITTORIOSA"

Ma jistax jonqos, iżda, li l-aktar banda li tolqot l-għajn u li kienet mistennija l-aktar fil-festa ta' l-1892, kienet il-banda ġdida *"La Vittoriosa"* (aktar tard *Duke of York Own*, illum *Prince of Wales Own*), li għamlet l-ewwel dehra tagħha fil-pubbliku fl-ewwel jum tat-Tridu, taħt id-direzzjoni tas-surmast Lorenzo Grima, magħruf aktar bħala *"Lanżitu"*.

Dan kien żewwaq il-programm b'żewġ kompożizzjonijiet tiegħu stess: *"Inno a San Domenico"*, akkompanjat b'kor ta' tfal u l-Galopp *"Fortis Fortuna Vincit"* (Il-Qawwi f'Qawwietu Jitqawwa), li ntlaqgħu b'applawsi kbar.(19)

Kien inkiteb li l-banda ġdida ħarġet bl-unuri kollha u s-suċċess miksub għandu jitqies akbar meta wieħed iqis li l-bandisti kienu ilhom jitħarrġu ħames xhur biss.(20)

## ĊELEBRAZZJONIJIET U DRAWWIET PARTIKULARI

Il-festa ta' San Duminku fil-Birgu ntrabtu magħha, sa mill-ewwel snin tagħha, xi manifestazzjonijiet u drawwiet partikulari li, f'dak iż-żmien, sa fejn hu magħruf, ma kenux jinstabu f'festi oħrajn u b'hekk nistgħu aktarx ngħidu li kienu esklussivament tagħha.

L-aktar popolari fost dawn hu, bla dubju ta' xejn, it-tlugħ ta' statwa b'mod brijuż fuq kolonna, fl-aħħar jum tat-Tridu. Sa mill-1881, fin-nuqqas ta' purċissjoni, din kienet l-aktar manifestazzjoni importanti tal-festi esterni.(21)

Statwa ta' San Duminku li kienet saret sentejn qabel, akkompanjata minn banda ddoqq marċi brijużi, kienet tintrafa' fuq l-ispallejn minn ħdejn il-kunvent u fost ħruq ta' murtali, gassijiet u tfigħ ta' fjuri, tgħaddi għal *Piazza Vittoriosa*, fejn kienet tittella' fuq kolonna artistika mħejjija minn qabel f'ġenb il-pjazza.(22)

Id-drawwa ta' marċ mat-toroq, wara l-kant tat-*Te Deum* fil-knisja, lejlet il-festa filgħodu, sa dak iż-żmien mhux tant komuni jew popolari bnadi oħra, kienet ġa stabbilita fil-festa ta' San Duminku fil-Birgu sa mill-1888. Dik is-sena, banda mill-Birgu bdiet marċ mill-pjazza sa quddiem il-Lunzjata u kompla minn banda oħra għall-kumplament tat-toroq.(23)

Rapport dwar il-festa li deher fl-1891 jikkonferma l-kontinwità ta' din id-drawwa u jżid li mal-banda mxew għadd ta' nies ikantaw u jxejru bnadar ikkuluriti.(24)

Fl-istess jum, in-nies kienet tistenna b'ħerqa t-8.00 p.m., meta l-baned kollha li jkunu se jieħdu sehem dik il-lejla, kienu jinġabru fi *Piazza Vittoriosa*. Waħda wara l-oħra kienu jimmarċjaw lejn il-plančieri rispettivi tagħhom fost il-mixegħla ta' gassijiet ikkuluriti, sfafar u briju ieħor.(25)

Sa minn kmieni fl-1893 hemm konferma tad-devozzjoni tal-Ħmistax-il Tlieta f'ġieħ il-Patrijarka San Duminku bi tħejjija għall-festa liturġika tiegħu. Din id-devozzjoni fl-Ordni Dumnikan taf il-bidu tagħha fis-sena 1631 ġewwa Firenze, fil-Knisja ta' *Santa Maria Novella*. Fil-Birgu, dan il-jum kien jiġi ċċelebrat esternament ukoll billi kienu jinxtegħlu l-faċċata tal-knisja u t-triq tagħha, waqt li l-Banda *"La Vittoriosa"*, wara marċ mat-toroq tal-Birgu, kienet tagħmel programm fuq il-planċier qrib il-knisja, fost l-isparar ta' għadd ta' murtaletti. Waqt waqfa f'nofs il-programm kien isir il-logħob tan-nar ta' l-art.

Dik is-sena l-Banda *"La Vittoriosa"*, nhar it-Tnejn, 5 ta' Ġunju, għamlet programm taħt is-surmast ġdid tagħha Giuseppe Micallef, fejn fost oħrajn, esegwiet is-Sinfonija *"Violetta"*, kompożizzjoni ta' l-istess surmast.(26)

Konferma li minn dik is-sena din l-okkażjoni baqgħet tiġi ċċelebrata kull sena nsibuha minn rapport ieħor li deher seba' snin wara, meta tħabbar li nhar it-Tnejn, 14 ta' Ġunju 1900, il-Banda, issa *"Duke of York"*, kellha tagħmel marċ u wara, programm fuq il-planċier, qrib il-Knisja tal-Lunzjata, taħt it-tmexxija tas-Surmast Raffaele Ricci.(27)

Il-patrijiet ma baqgħux lura minn xi għemil ta' fejda billi kienu minn ta' l-ewwel fid-drawwa ta' għoti ta' għadd ta' ħobż lill-fqar li kienu jinġabru qrib il-kunvent f'jiem il-festa. Dan il-ġest kien tħabbar bi prominenza u waqt li ntwera sodisfazzjon għal dak li għamlu, sar appell biex fil-festi jibda jsir l-istess, biex kif intqal, min hu batut jitferraħ ukoll.(28)

> Fra tanto tripudio non mancò la devozione e la frequenza dei Sacramenti. Innumerevoli devoti dell' uno e dell' altro sesso si cibarono del Pane Eucaristico, ed il concorso nella bellissima Chiesa fu straordinario durante le sacre funzioni. Nè i poveri furono dimenticati, siccome si fece una larga distribuzione di pane. Sarebbe desiderabile assai che quest' uso lodevolissimo ed umanitario fosse introdotto in occasione di qualunque festa, specie delle religiose: ed i Reverendi Padri Domenicani della Vittoriosa meritano lode certamente per aver fatto così partecipare i tapini del comune tripudio.

**Silta mill-gazzetta "Malta" tas-17 ta' Settembru 1889.**

## IL-FESTA FIL-KNISJA

Wara l-preparazzjoni għall-festa permezz tal-Ħmistax-il Tlieta, il-festi interni kienu jibdew bi Tridu. Filgħodu kien ikun hemm Quddiesa Kantata u wara nofsinhar, wara l-kant ta' l-Għasar u r-reċita tar-Rużarju, kienet issir priedka dwar il-virtujiet ta' San Duminku, li ġeneralment kienet issir minn patri dumnikan. Wara din, kienet titkanta Antifona, waħda differenti għal kull jum tat-Tridu.[29] Il-funzjoni kienet tintemm bil-Barka Sagramentali.

Il-funzjonijiet ta' lejlet il-festa kienu jixbhu lil dak tat-Tridu, għalkemm filgħaxija ma kenitx issir il-priedka, billi l-Għasar kien jitkanta solennement ma' l-orkestra u kien jieħu fit-tul. Filgħodu, ma' tmiem il-Quddiesa Solenni, kien jitkanta t-*Te Deum*, waqt li kienu jindaqqu moti mill-qniepen tal-knejjes kollha tal-Birgu.[30]

## JUM IL-FESTA MINGĦAJR PURĊISSJONI

Jum il-festa kien jiġi ċċelebrat b'mod differenti minn daż-żmien. Il-qniepen tal-Lunzjata kienu jħabbru l-okkażjoni minn filgħodu kmieni ħafna, bid-daqq tal-*Pater Noster* fit-3.00 a.m. Fl-4.00 a.m., għal xi żmien, kienet toħroġ l-ewwel quddiesa.[31]

Fil-5.15 a.m. kien jibda l-kant tal-Matutin mill-patrijiet miġburin flimkien fil-Kor u fi tmiemu kien jibda ħiereġ għadd ma jaqta' xejn ta' quddies fuq id-diversi artali tal-knisja u jieqaf biss ftit qabel il-bidu tal-Quddiesa Solenni tal-festa. Kien jiffunzjona l-Provinċjal ta' l-Ordni jew xi dinjitarju ieħor. L-orkestra u l-mużika kienu jkunu fost l-aktar klassiċi tas-Surmast Bugeja, li kien ilu *"Maestro di Cappella"* sa mill-ewwel snin tal-festa.

Il-paniġierku kien isir wara nofsinhar, li kif ixxandar fl-1880, jidher li kien isir bil-Malti. Ħaġa mhux tant komuni u popolari f'dawk iż-żminijiet, meta f'okkażjonijiet bħal dawn kien jintuża t-Taljan.[32] Kienu jagħmluh l-aħjar predikaturi dumnikani tal-mument, fosthom P. Nerik Vella (1876), P. Franġisk Caruana (1877), P. Klement Cuschieri (1880), P. Angelo Portelli (1881), P. Egidio Nastasi (1889 u 1891) u P. Alano Agius (1892).

Malli jispiċċa l-paniġierku kien jibda l-kant ta' l-Għasar u billi ma kenitx toħroġ purċissjoni barra fit-triq, kienet issir ir-Repożizzjoni tar-Relikwija u ċ-ċelebrazzjonijiet jagħlqu bl-Antifona u l-Barka Sagramentali.

## IL-PURĊISSJONI GĦALL-EWWEL DARBA

Għalkemm il-festa kellha kulħ ma hu meħtieġ biex tħabbatha ma' l-aqwa ta' dak iż-żmien, kien jonqos li tkun mogħnija bil-ħruġ ta' purċissjoni. Għalhekk, is-sena 1896 għandha importanza speċjali fl-iżvilupp tal-festa ta' San Duminku fil-Birgu, għax fiha laħqet il-milja tagħha bil-ħruġ għall-ewwel darba ta' purċissjoni bil-vara ta' San Duminku f'jum il-festa tiegħu.

Il-festi li saru dik is-sena kienu xierqa għall-okkażjoni. Il-priedki tat-Tridu kienu



**Il-vara ta' San Duminku xogħol ta' Giovanni Darmanin li ngarret fl-ewwel purċissjoni.**

saru minn P. Alano Agius O.P. Il-Quddiesa Solenni kienet iċċelebrata mill-Provinċjal P. Vinċenz Schembri O.P. L-esekuzzjoni tal-kant u l-orkestra tas-surmast Bugeja jingħad li kienu impekkabbli.

Il-Paniġierku sar fit-3.00 p.m. minn P. Alfons Grech O.P. u wara l-kant ta' l-Għasar bdiet ħierġa l-purċissjoni. Flimkien ma' għadd kbir ta' patrijiet, lebsin l-abiti sagri, ħadu sehem il-fratelli ta' l-Arċikonfraternita tal-Madonna tar-Rużarju, li dik il-ħabta kienu f'għadd ġmielu.

Il-kronista tal-kunvent ħalla miktub li, biex il-purċissjoni ma tiħux ħin twil, il-vara nġarret wara l-patrijiet u mhux wara l-fratelli, kif jidher li kienet id-drawwa fil-purċissjonijiet ta' dak iż-żmien. L-iskop intlaħaq għax minkejja t-triq twila, ħadet siegħa u kwart biss u sas-7.15 p.m. kienet ġewwa. Wara dħul il-purċissjoni ngħatat il-Barka Sagramentali.[33]

Ma setax jonqos li l-festi esterni ma jkunux xi ftit jew wisq aħjar mis-soltu. Għalihom attendew folol kbar, hekk li f'jum il-festa, għal ħin twil, fi *Strada Porta Maggiore* ħadd ma seta' jiċċaqlaq minn fejn kien.

Lejlet u nhar il-festa ħadu sehem tmien baned magħrufa. Dawn kienu: *"Prince of Wales"* tal-Belt, *"La Vincitrice"* ta' l-Isla, *"De Vilhena"* tal-Furjana, *"Maria Annunziata"* ta' Ħal Tarxien, *"San Leonardo"* ta' Ħal Kirkop, *"San Gaetano"* tal-Ħamrun u l-*"Banda Zeitun"* ta' l-istess raħal.[34] Ma' dawn, lejlet il-festa kien hemm il-banda militari tal-*"Worcester Regiment"* li daqqet programm fi *Piazza Vittoriosa*, taħt id-direzzjoni tas-Surmast C. Evans L.R.A.M.[35]

Il-programmi li għamlu dawn il-baned kienu ntgħoġbu bis-sħiħ u bosta minnhom baqgħu jieħdu sehem fil-festa għal diversi snin wara.

In-nies li daħlu l-Birgu dik is-sena kienu xhieda ta' festa kbira u fl-istess ħin, raw tinkiteb paġna oħra fl-istorja tal-kultura reliġjuża u folkloristika ta' poplu, li dejjem ħabrek biex dak li jwettaq, jagħmel ġieħ lil belt twelidu.

**Anton Attard**

**Referenzi**


1. V. Schembri O.P. - *Delle Glorie Stupende di San Domenico in Soriano.* Malta, 1886. Ara wkoll *Fede ed Azione* - 22 Settembre 1881.
2. Is-*Sacra Congregazione dei Riti* kienet stabbiliet jum il-15 ta' Settembru bħala *"Commemorazione dell'Immagine Miracolosa di San Domenico in Soriano"* wara bosta xhieda ta' għeġubijiet li xbieha tal-Qaddis kienet qed tagħmel fil-Bażilika ddedikata lilu f'Soriano, Sqallija. Għal aktar dettalji ara ref. n.1.

3. Ara San Duminku fil-Birgu - Festa 1995, pp. 35-41.
4. *Giuliana del Convento Ssma Annunziata, Vittoriosa*, Ms.22.1, f.35.
5. Ibid., f.12.
6. Ibid., f.128.
7. Ibid., f.12.
8. Ibid., f.38.
9. *Risorgimento* - 14 Settembre 1878.
10. *Giuliana*, Ms.22.1, f.82.
11. Ibid., f.61.
12. Ibid., f.88.
13. *Malta* - 17 Settembre 1889.
14. *Giuliana*, Ms.22.1, f.61.
15. *Risorgimento* - 10 Settembre 1881.
16. *Malta* - 17 Settembre 1889.
17. *Giuliana*, Ms.22.1, f.61.
18. *Malta* - 21 Settembre 1892.
19. Ibid. - 13 Settembre 1892.
20. Ibid. - 21 Settembre 1892.
21. *Giuliana*, Ms.22.1, f.253.
22. *Malta* - 26 Settembre 1891.
23. *Giuliana*, Ms.22.2, f.273.
24. *Malta* - 26 Settembre 1891.
25. Ibid.
26. Ibid. - 3 Giugno 1893.
27. Ibid. - 9 Giugno 1900.
28. Ibid. - 17 Settembre 1889.
29. *Giuliana*, Ms.22.1, f.103 u *Risorgimento* - 23 Settembre 1880.
30. *Malta* - 24 Settembre 1892.
31. *Giuliana*, Ms.22.1, f.38.
32. *Risorgimento* - 23 Settembre 1880.
33. *Giuliana*, Ms.22.4, f.143.
34. Ibid., f.142.
35. *Malta* - 19 Settembre 1896.


**LAWRENCE IRONMONGERY**

**FRAME MAKER**

***FIL-PJAZZA TAL-BIRGU***

***TEL: 878162***

• RIGALI • GĦODDA • ĦĠIEĠ

• QTUGĦ TA' ĊWIEVET TA' KULL MARKA

• PRODOTTI GĦAD-DAR • ŻEBGĦA TA' KULL KWALITÀ